A.L. 190 ta' l-1991

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (ATT NRU. XVII TA' L-1991)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, u bis-saħħa tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 562 ta' l-1991 magħmula skond l-Att ta' l-1988 dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri, is-Segretarju Parlamentari għall-Attività *Offshore* u Affarijiet Marittimi stabbilixxa l-1 ta' Jannar, 1992 bħala d-data li fiha dawn l-artikoli li ġejjin ta' l-imsemmi Att għandhom jibdew iseħħu, jiġifieri l-paragrafi (a) sa (f) tas-subartikolu (1), u s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6, l-artikolu 7, is-subartikoli (2) sa (6) ta' l-artikolu 13, l-artikoli 14 sa 18, 20 sa 23 u 27 sa 84, l-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda ħlief safejn l-imsemmija Tieni Skeda tirreferi għall-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port, Kap. 171.